MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Numru. 34/2007

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)

vs

Richard Spiteri

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Richard Spiteri ta’ 35 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Jannar, 1971, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ Maltija bin-numru 118271M u residenti fil-fond numru 94, St Domenic Street, Valletta, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-11 ta’ Jannar, 2006, ghal habta tas-sitta u nofs ta’ fl-ghaxija, fil-Marsa, ikkommetta serq ta’ flus kontanti li jammontaw ghal mija u sebghin lira, liema serq li huwa

ikkwalifikat bil-valur, bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

U talli fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti, gew minn serq ikkwalifikati bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fil-11 ta' Jannar, 2006, fil-Marsa bejn is-sitta u kwart u sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajja jew ghamel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur t'artikolu 7 (2) ta' Kap 63 ta' Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 209 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-11 ta' Jannar, 2007 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer ippermetta lil persuna ohra u cioe' lil Edward Spalding issuq vettura tat-tip Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni DAD560 meta l-istess Edward Spalding ma ghandux licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni;

U aktar talli kiser l-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. nhar l-21 ta' Jannar, 2005;

U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluza l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mmarkata bhala Dok. RM1.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ 24 ta’ Jannar, 2007. Din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-12 ta’ Jannar, 2007 fejn huwa ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi procedure sommarja u rat li l-imputat waqt li kien qed isirlu l-ezami wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikoli 7 (2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 209, 267, 270, 271, 334, 49, 50 u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 28A u 28B (1) u (2) ta’ l-istess Kap 9 u jidrilha li in vista tal-fatt li l-Prosekuzzjoni iddikjarat lill-imputat ikkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet u li l-istess imputat qed jghinha fil-kors ta’ nvestigazzjonijiet ohra li qed isiru fil-konfronti ta’ terzi persuni, in vista tal-fatt li dejjem skond dak iddikjarat mill-Prosekuzzjoni, l-imputat accetta li jixhed fl-eventwali proceduri li jistghu jittiehdu fil-konfronti ta’ dawn it-terzi persuni, in vista tal-fatt li l-imputat irritorna ir-refertiva lill-Ufficjal Prosekutur li qed imexxi dan il-kaz in vista tal-fatt li l-imputat ghandu problema ta’ abbuz ta’ droga u in vista ta’ l-ammissjoni fl-istadju daqshekk bikri tal-proceduri il-piena karcerarja ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi u li ma tkunx haga gusta li tinghata ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 28B in kwantu jirrgiwarda is-sentenza sospiza moghtija fil-konfronti ta’ l-imputat odjern minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-21 ta’ Jannar, 2005.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 28B (2) (b), il-Qorti qed tbiddel l-ordni moghti taht l-artikolu 28A (1) minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-21 ta’ Jannar, 2005 billi testendi l-perjodu operattiv hemm indikat ghal perjodu ta’ erba’ snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------